# QORTI TAL-KUMMERĊ

## IR-RABA' PARTI

## 2 ta' Ottubru, 1984

## Imħallef:-

## Onor. J.A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.

Albert W. Salomone fil-kwalità tiegħu ta' Mandatarju Speċjali tas-Soċjetà estera Voest Alpine Aktiengesellschaft, tal-Ġermanja u in rappreżentanza ta' l-istess soċjetà

*versus*

Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali u l-Avukat Dottor Leon Bencini, LL.D. u l-Prokuratur Legali Benedict K. Dingli kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil kull min għandu interess, b'digriet ta' l-14 ta' Lulju, 1983

## *Trade Mark* - Korrezzjoni fi

*Il-Qorti laqgħet talba għal korrezzjoni f'reġistrazzjoni ta'* Trade Mark.

*Il-Qorti:-*

L-attur Albert W. Salomone *nomine* qed jistitwixxi din il-kawża kontra kemm il-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali kif ukoll kontra kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil kull min għandu interess. Huwa qed jallega li huwa l-proprjetarju tat-*trade marks* numri 11941 u 11939 tal-kliem "VÖEST-ALPINE" fiż-żewġt każi u bħala tali jrid illi dawn it-*trade marks* jiġu

korretti bit-tneħħija ta' l-umlant (¨) minn fuq l-ittra 'O' tal-kelma "VOEST" sabiex it-*trade marks* jibdew jinqraw "Voest-Alpine" fiż-żewġ każijiet u dan *ai termini* ta' l-artikolu 141 tal-Kapitolu 48 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-konvenut Kontrollur tal-proprjetà Industrijali *et noe* eċċepixxa li huwa ma jopponix ruħu għall-korrezzjonijiet mitluba mill-attur *nomine*, u li hu kien ġie biss imħarrek unikament għall-integrità tal-proċess u għalhekk ma għandux ibati ebda spejjeż;

Il-konvenuti Avukat Dr. Leon Bencini u P.L. Benedict H. Dingli, kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil kull min għandu interess, b'digriet ta' l-14 ta' Lulju, 1983, eċċepew li ma kinux edotti mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għalhekk jirriservaw li jagħtu kwalunkwe eċċezzjoni meħtieġa fi stadju ulterjuri meta jsiru jafu bil-fatti;

Din il-kawża ġiet istitwita kif semma l-attur *nomine* stess, *ai termini* ta' l-artikolu 141 tal-Kap. 48 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li "Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjoni jew tħassir ta' reġistrazzjoni li tkun saret fir-Reġistru, inkella għar-reġistrazzjoni ta' Att li l-Kontrollur ikun irrifjuta li jirreġistra. It-talba għandha ssir fil-Qorti tal-Kummerċ b'ċitazzjoni kontra l-Kontrollur u kontra kuratur li għandu jiġi maħtur mill-Qorti biex jidher għal kull persuna li jista' jkollha interess. L-artikolu 142 jimponi wkoll l-obbligu ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern biex bih jiġi msejjaħ kull min ikollu interess u dan fit-termini stabbiliti;

Il-Qorti ġiet mistiedna biex tiddeċidi din il-kawża fuq dawn il-provi prodotti u ċjoè d-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur u dawk tal-konvenuti. Mill-kumpless tal-provi ma jidhirx li hemm xi opposizzjoni tat-talba ta' l-attur u kwindi l-Qorti sejra

tilqagħha;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tagħti u tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* u għalhekk tordna l-korrezzjonijiet mitluba mill-attur taċ-ċitazzjoni;

Taħt iċ-ċirkostanzi, però, il-Qorti tordna li l-ispejjeż jiġu kollha ssopportati mill-attur *nomine*.

---